31994R3315

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 3315/94

tat-22 ta' Diċembru 1994

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 3118/93 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li permezz tagħhom burdnara mhux residenti jistgħu joperaw servizzi tat-trasport bit-triq fi ħdan Stat Membru

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni ta' l-1994, u b'mod partikolari l-Artikolu 169 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi permezz ta' l-Adeżjoni ta' l-Awstrija, tal-Finlandja u ta' l-Isvezja, ir-Regolament (KEE) Nru 3118/93 ([1]) tal-25 ta' Ottubru 1993 għandu jkun emendat sabiex ikun allokat in-numru xieraq ta' awtorizzazzjonijiet ta' kabotaġġ tal-Komunità lejn l-Awstrija, l-Finlandja u l-Isvezja;

Billi bis-saħħa ta' l-Artikolu 13 tal-Protokoll Nru 9 dwar it-trasport tat-triq, tal-ferrrovija u trasport ikkombinat fl-Awstrija kif anness ma' l-Att ta' Adeżjoni ta' l-1994, ir-Regolament (KEE) Nru 3118/93 għandu japplika biss mill-1 ta' Jannar 1997 lejn il-: (a) burndara b'awtorizzazzjoni tal-Komunità maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti fl-Awstrija għall-ħidma tas-servizzi nazzjonali tat-trasport bit-triq fi Stati Membri oħrajn, u (b) burdnara b'awtorizzazzjoni tal-Komunità maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti fi Stat Membru ieħor għall-ħidma tas-servizzi nazzjonali tat-trasport bit-triq fl-Awstrija;

Billi t-tkabbir tal-Komunità se jirriżulta f'żieda fis-suq tat-trasport bit-triq; billi numru addizzjonali ta' l-awtorizzazzjonijiet tal-kabotaġġ tal-Komunità għandhom għalhekk ikunu stabbiliti għat-tnax-il Stat Membru preżenti;

Billi, minħabba fl-adeżjoni, numru ta' aġġustamenti tekniċi għandhom isiru ukoll ghar-Regolament (KEE) Nru 3118/93;

Billi huwa meħtieġ li jitkomplew, temporanjament, arranġamenti mfasslin fl-istruttura tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), sabiex l-awtorizzazzjonijiet tal-kabotaġġ għall-bidu ta' l-1995 jistgħu jkunu ttimbrati fil-waqt xieraq;

Billi bis-saħħa ta' l-Artikolu 2(3) tat-Trattat ta' Adeżjoni ta' l-1994, l-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet jistgħu jadottaw, qabel l-adeżjoni, il-miżuri bis-saħħa ta' l-Artikolu 169 ta' l-Att ta' l-1994, tali miżuri li jidħlu fis-seħħ soġġetti għal, u fid-data taddħul fis-seħħ ta' l-imsemmi Trattat,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 3118/83 qiegħed jiġi emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 2(1), it-tielet subparagrafu għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

"Kwota ta' kabotaġġ tal-Komunità għandha tikkonsisti f'awtorizzazzjonijiet ta' kabotaġġ, kull waħda valida għal xahrejn, skond it-tabella segwenti:

Sena	*Numru ta' awtorizzazzjonijiet*
1994	30 000
1995	46 296
1996	60 191
1997	83 206
1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju 1998	54 091."

2. It-tabella fl-Artikolu 2(3) għandha tkun mibdula b'dan li ġej:

	1995	1996	1997	1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju 1998
"il-Belġju	3 647	4 742	6 223	4 045
id-Danimarka	3 538	4 600	6 037	3 925
il-Ġermanja	5 980	7 774	10 203	6 632
il-Greċja	1 612	2 096	2 751	1 789
Spanja	3 781	4 916	6 452	4 194
Franza	4 944	6 428	8 436	5 484
l-Irlanda	1 645	2 139	2 808	1 826
l-Italja	4 950	6 435	8 445	5 490
il-Lussemburgu	1 699	2 209	2 899	1 885
l-Olanda	5 150	6 695	8 786	5 711
l-Awstrija	0	0	4 208	2 736
il-Portugall	2 145	2 789	3 661	2 380
il-Finlandja	1 774	2 307	3 029	1 969
l-Iżvezja	2 328	3 027	3 973	2 583
ir-Renju Unit	3 103	4 034	5 295	3 442"

([1]) ĠU L 279, tat-12.11.1993, p. 1.

3. It-testi 'l fuq nett tal-paġni (a) u (b) ta' l-Annessi I u II għandhom ikunu mibdula bis-segwenti:

"(Test li għandu jkun miktub fil-lingwa(lingwi) uffiċjali jew waħda mil-lingwi uffiċjali ta' l-Istat Membru li joħroġ l-awtorizzazzjoni)"

Il-paġni (ċ), (d), (e) u (f) għandhom sussegwentement ikunu mħassrin.

4. Iċ-ċentru tal-paġna (a) ta' l-Annessi I u II għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

"Awtorizzazzjoni ta' KABOTAĠĠ Nru …

għat-trasport nazzjonali ta' merkanzija bit-triq fi Stat Membru tal-Komunità Ewropea li jsir minn burdnar mhux residenti (kabotaġġ).

Din l-awtorizazzjoni tintitola lil . . . . . .

. . . . . .

. . . . . ([2])

li jingarru l-oġġetti permezz ta' karozza jew kumbinazzjoni marbuta ta' vetturi, fi ħdan Stat Membru tal-Komunità Ewropea għajr minn dak li fih ikun stabbilit min kien iżomm din l-awtorizzazzjoni, u biex titressaq tali vettura jew kumbinazzjoni mhux mgħobbija fuq kull parti tat-territorju tal-Komunità hawn fuq imsemmija, kif imniżżel fir-Regolament (KEE) Nru 3118/93 u soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' din l-awtorizzazzjoni."

5. In-nota tal-qiegħ 1 f'tarf il-paġna (a) ta' l-Annessi I, II u III għandha tkun mibdula b'dan li ġej:

"([1]) Sinjali li jiddistingwu tal-pajjiż:

Il-Belġju (B), id-Danimarka (DK), il-Ġermanja (D), il-Greċja (GR), Spanja (E), Franza (F), l-Irlanda (IRL), l-Italja (I), il-Lussemburgu (L), l-Olanda (NL), l-Awstrija (A), il-Portugall (P), il-Finlandja (FIN), l-Iżvezja (S), ir-Renju Unit (GB) (sa mill-1 ta' Jannar 1996: UK)."

6. It-test 'il fuq nett tal-paġni (a) u (b) ta' l-Anness III għandu jiġi mibdul bis-segwenti:

"(Test li għandu jkun miktub fil-lingwa(lingwi) uffiċjali jew waħda mil-lingwi uffiċjali ta' l-Istat Membru li joħroġ il-ktieb)".

7. L-intestatura "Il-Kolonna 6" fuq il-paġna (ċ) ta' l-Anness III għandha tkun mibdula b'dan li ġej:

"Il-Kolonna 6: uża s-sinjali segwenti li jiddistingwu:

– il-Belġju:	B
– id-Danimarka:	DK
– il-Ġermanja:	D
– il-Greċja:	GR
– Spanja:	E
– Franza:	F
– l-Irlanda:	IRL
– l-Italja:	I
– il-Lussemburgu:	L
– l-Olanda:	NL
– il-Portugall:	P
– il-Finlandja:	FIN
– l-Iżvezja:	S
– ir-Renju Unit:	GB (mill-1 ta' Jannar 1996: UK)

u mill-1 ta' Jannar 1997:

– l-Awstrija:	A."

8. L-Anness IV għandu jkun mibdul bl-Anness ta' dan ir-Regolament.

L-Artikolu 2

1. Sat-30 ta' Ġunju 1995, l-awtorizzazzjonijiet ta' kabotaġġ li għandhom jintużaw mill-burdnara stabbiliti fl-Istati Membri preżenti għandhom jikkorrispondu għall-mudelli fl-Annesi I u II tar-Regolament (KEE) Nru 3118/93. Sa l-istess data, l-awtorizzazzjonijiet ta' kabotaġġ li għandhom jintużaw mill-burdnara fil-Finlandja u fl-Isvezja għandhom jikkorrispondu mal-mudelli fl-Anness I u II fl-Appendiċi 2 ta' l-Anness XIII tal-Ftehim taż-ŻEE, kif emendat bid-Deċiżjoni 7/94 tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE ([1]).

2. L-Istati Membri preżenti jistgħu jawtorizzaw l-użu ta' kotba għall-formoli ta' reġistrazzjoni specifikati fl-Anness III tar-Regolament (KEE) Nru 3118/93 sal-31 ta' Diċembru 1995 l-aktar tard; l-Istati Membri l-oħrajn għandhom jaċċettaw dawn il-formoli ta' reġistrazzjoni fit-territorju tagħhom sal-31 ta' Diċembru 1995. Sa din id-data, l-Finlandja u l-Isvezja jistgħu jawtorizzaw l-użu ta' formoli ta' reġistrazzjoni speċifikati fl-Anness III ta' l-Appendiċi 2 ta' l-Anness XIII tal-Ftehim taż-ŻEE, kif emendat mid-Deċiżjoni 7/94 tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

L-Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data ta' dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Adeżjoni ta' l-1994.

([1]) ĠU L 160, tat-28.6.1994, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-22 ta' Diċembru 1994.

Għall-Kunsill
Il-President
H. SEEHOFER

L-ANNESS

"L-ANNESS IV

OPERAZZJONIJIET TA' TRASPORT IMWETTQA FIL- . . . . . (KWART) . . . . . (SENA) TAĦT IL-KOPERTURA TA' L-AWTORIZZAZZJONIJIET TA' KABOTAĠĠ TAL-KOMUNITÀ MAĦRUĠIN MINN . . . . . (SINJAL TA' DISTINZJONI TAL-PAJJIŻ)

Pajjiż tat-tagħbija u tal-ħatt	Numru ta'	
	Tunnellati metriċi ttrasportati	Tunnellati-kilometri maħduma (f'eluf)
D		
F		
I		
NL		
B		
L		
GB [1]		
IRL		
DK		
GR		
E		
P		
FIN		
S		
A [2]		
Kabotaġġ totali:		

[1] Sa mill-1 ta' Jannnar 1996: UK
[2] L-informazzjoni dwar l-Awstrija biss trid tkun fornuta sa mill-ewwel kwart ta' l-1997."